135

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 5/13-F

Mary Ann Spiteri
vs
Giuseppe Azzopardi eżerċenti fil-kummerċ taħt l-isem Bottega Del Marmista

Illum 9 ta' Lulju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850), rappreżentanti depożitu fuq irħam għall-qabar liema xogħol qatt ma sar.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ħallset id-depożitu ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) sabiex tagħmel l-irħam għal fuq il-qabar, liema xogħol qatt ma sar *da parte* tal-intimat u għalhekk qegħda titlob il-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, u jinnota illi ma kienx hemm oġġezzjoni jew oppożizzjoni għat-talba tar-rikorrenti mill-intimat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888